MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 20/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**ROSE SULTANA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Rose Sultana mart Emanuel u bint Victor Bartolo u Carmela nee` Galea imwielda fit-28 ta' Frar 1962 u residenti Nru 84, Triq L-Imqades, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Numru 13562G) akkuzata talli fit-28 t' Ottubru 2003 ghall-habta tas-2:00p.m. u fix-xhur ta' qabel bhala l-persuna llicenzjata tal-hanut bl-isem "Ggantija Crafts Centre", li jinsab fi Triq l-Imqades, Xaghra, Ghawdex, qieghdet jew halliet li jitqieghed quddiem l-imsemmi hanut makna tal-bejgh awtomatika

ghal bejgh ta’ l-ilma u xorb iehor minerali (soft drinks) minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 6 (1) ta’ l-Avviz Legali 119/2002;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fis-seduta tad-19 ta’ Frar 2004;

Fuq ammissjoni volontarja nkondizzjonata taghha fil-prezenza ta’ l-avukat difensur taghha ssibha hatja u tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------